**Aggornament mill-Kap tal-Oppozizzjoni Dr Simon Busuttil**

**Il-Hamis, 17 ta' Lulju, 2014**

**Sur President, dan id-diskors, li huwa l-ewwel aggornament tieghi bhala Kap tal-Oppozizzjoni, qed naghmlu biex naghmel appell sincier għar-rispett ta' dak li hu bażiku f'demokrazija moderna u biex id-dibattitu politiku jkun ċivili u s e r j u**

**<u>Kontroversji politiċi jkun hawn dejjem u f'kull demokrazija.</u>**

- Imma 'l hemm mill-kontroversji normali, f'dawn l-aħħar jiem kellna aġir mill-Gvern li jmur kontra l-prinċipji ta' demokrazija u libertà vera. Dan idardar l-atmosfera politika.
  - Kellna gideb.
  - Kellna ħabi ta' kuntratti pubbliċi.
  - Kellna intolleranza għall-kritika.
  - Kellna wkoll tgħajjir li mhux xieraq f'pajjiż ċivili.
  - U dan kollu f'ġimgħa waħda.

**<u>Gideb fuq il-ħlasijiet lil mart Ministru</u>**

- Li jkollna ħatriet li ma naqblux fuqhom hu normali.
- X'mhux normali hu li tinħatar <u>mara ta' Ministru</u>. Dan ma jsir imkien serju u nadif.
- X'mhux normali hu <u>l-ħabi tal-kuntratt</u> ta' mara ta' Ministru li qed tieħu fondi pubbliċi.
- Dil-ġimgħa l-Prim Ministru ammetta li din il-ħatra ttrattaha ħażin. Naqblu.
- Imma, filwaqt li ammetta li trattaha hazin, il-Prim Ministru qal li Mrs Konrad Mizzi titħallas 3,700 ewro fix-xahar - gidba.
- U pogga l-kuntratt hawnhekk fuq il-mejda tal-Kamra u allura tifhem li suppost juri dak li qed jgħid il-PM - imma l-kuntratt <u>wera l-maqlub</u> ta' dak li qal il-PM:
- juri li l-mara tal-Ministru titħallas 73,000 ewro fis-sena, jiġifieri d-doppju ta' li qal il-PM fix-xahar u għandha pakkett ta' 13,000 fix-xahar – ħaġa li l-PM kien ċaħad. U mhux talli cahadha talli ghamel teatrin shih jipprova jirredikola lili li kont qed nghid il-verita'.

- Il-mara tal-Ministru gidbet imma – agħar minn hekk – gideb il-Prim Ministru.
- Dan mhux normali jew sempliċi nuqqas ta' qbil – dan gideb;
- u taparsi qiegħed fuq il-Mejda xi ħaġa li turi li l-PM qed jgħid il-verità meta fil-fatt turi li l-PM qed jigdeb.
- Ftit tal-jiem oħra, f'Awwissu, infakkru l-jum meta l-President Amerikan Richard Nixon fl-iskandlu kbir Watergate 40 sena ilu irriżenja ... għax gideb.
- Malta 40 sena wara l-PM jigdeb ... u ma jerfa' ebda responsabbiltà.
- Agħar minn hekk – jiġi jitgħajjar personalment kontrija.
- Tifhem għala jitgħajjar l-PM; għax ikun tilef l-argument.
- Mhux biss tgħajjar hawn, imma ħarġet stqarrija tal-Gvern ukoll tgħajjarni.
- Dan mhux sew u jdardar dak li suppost hu dibattitu pubbliku serju.

**<u>Intolleranza għall-kritika</u>**

- Li jġibna għall-intolleranza.
- Illum f'dal-pajjiz jekk tikkritika lill-Gvern inti 'negattiv'.
- Izda li tikkritika dak li hu ħażin żgur mhux xi ħaġa ħażina. Anzi hija haga tajba u hija haga mehtiega f'demokrazija.
- X'inhu negattiv hu li tagħmel il-ħażin u tgħid li hu tajjeb jew tigdeb.
- X'inhu negattiv hu li tgħajjar lil min jikkritikak.
- L-intolleranza għall-kritika turi li tlift l-argument.
- Il-kritika tirribattiha b'dibattitu ċivili mhux bit-tgħajjir.
- U mhux tippretendi li ħadd ma jikkritikak. Jew jekk xi ħadd jikkritikak u jasal għal konklużjonijiet loġiċi tagħmillu ġuri f'Qorti Taparsi b'Imħallfin tiegħek stess.
- **L-intolleranza għall-kritika hija gravi** u tmur ferm 'l hinn mill-kontroversja normali;
- l-intolleranza għall-kritika hi sintomu ferm agħar minn ta' sempliċi kontroversja.

**<u>Nuqqas ta' trasparenza fil-privatizzazzjoni tal-EneMalta</u>**

- Li entità tal-Gvern tiġi privatizzata jista' jkun kontroversja normali.
- Li xi ħaġa essenzjali bħall-elettriku jiġi privatizzat hu kontroversja kbira imma jibqa' kontroversja fil-linja tan-normalità.
- Li l-privatizzazzjoni ssir lil stat barrani – hu min hu – huwa wkoll kontroversja kbira imma wkoll jibqa' kontroversja fil-linja tan-normalità.

- **Imma li l-Gvern jaħbi l-ħin kollu dwar kontroversja daqshekk kbira, dak imur kontra kull idea ta' trasparenza.**
- Negozjati moħbijin, iffirmar ta' kuntratti moħbijin u l-Gvern jibqa' jinsisti fuq ħabi ta' diversi kuntratti – mhux wieħed imma diversi – dan gravi.
- U ahna qeghdin hawn fil-Parlament, mistennija niddibattu ligi li se tipprivatizza l-Enemalta minghajr ma nghatajtna access ghall-informazzjoni dwarha. Kif jista, f'demokrazija normali, Parlament jaqdi r-rwol tieghu li jgharbel il-hidma tal-Gvern jekk ma jinghataw access ghall-informazzjoni kollha biex jaqdi dmiru?

**<u>Il-ligi dwar il-finanzjament tal-partiti</u>**

- Din hija liġi li tolqot il-funzjonament tad-demokrazija għax il-partiti għodda essenzjali f'demokrazija. Nehhi l-partiti f'demokrazija u tispicca b'awtorkrazija, dittatorjat.
- Irridu nkunu 'l hemm minn kull dubju li l-partiti politiċi b'xi mod huma mixtrijin minn interessi moħbijin.
- Ahna naqblu mal-liġi u għamilna pass aktar biex insibu konsensus mal-pożizzjoni tal-Partit Laburista ta qabel l-elezzjoni u mal-pożizzjoni tal-AD li wasal iz-zmien li nikkunsidraw finanzjament mill-istat ghall-partit sabiex il-partiti ma jibqghux dipendenti fuq donazzjonijiet kbar li joholqulhom obbligi politici. Jien nippreferi t-trasparenza ta' donazzjoni mill-istat mill-intricci tal-obbligi politici tad-donazzjonijiet privati. – kif, wara, kollox jigri tista tghid f'kull pajjiz iehor Ewropew.
- Issa tista' tikkritikana li ahna għamilna u-turn. Imma waqt li l-Partit Laburista jridna naqblu miegħu f'kollox, x'ħin qbilna miegħu fuq il-finanzjament mill-Istat dawwar il-pożizzjoni tieghu u qal li issa mghadux jaqbel.
- Mela issa se nigu fis-sitwazzjoni li l-Partit Laburista se jgawdi proprjeta' pubblika li ta lilu nnifsu fuq ħafna snin, l-aktar ricenti, l-Australia Hall f'Pembroke, filwaqt li l-partiti l-ohra kollha se jaghmillhom limiti fuq x'jistghu idahhlu. U wara li jkun haxxen butu bi proprjeta pubblika, il-Partit Laburista jghid lill-Partit Nazzjonalista "x'tippretendi, li t-taxpayer ghandu jhallas ghad-dejn tieghek?" Le ma nippretendix dan. Li nippretendi huwa li jkun hemm level playing field; ekwita; sena ta' fairness u mhux li l-Partit Laburista jaghti preferenza lilu nnifsu u jipprova johnoq lill-aversarji politici tieghu. Ghax dan mhux tajjeb ghad-demokrazija.

**<u>L-istituzzjonijiet indipendenti</u>**

- Illum inħatar Wenzu Mintoff bħala Mħallef - dawn il-kummenti mhux se jkunu fuq Wenzu Mintoff bħala persuna.
- Imma rridu ninnutaw li ħadd ma kien inħatar mill-miskja politika partigġjana u mill-mezzi tax-xandir u l-istampa ta' partit politiku dritt għall-bank tal-ġudikatura.
- Li jġibna għall-istituzzjonijiet indipendenti.
- Għax il-ħatra ta' bniedem mill-miskja partiġjana għall-ġudikatura waslet ġranet wara attakk mill-Gvern fuq l-istituzzjoni indipendenti wkoll tal-Ombudsman.
- U din mhix kontroversja normali – dan attakk fuq istituzzjoni indipendenti.
- U dan l-attakk sar wara takeover komplet u partiġjan tal-istituzzjonijiet li għandhom il-forza fiżika f'idejhom fil-pajjiż, l-Armata u l-Pulizija li fil-mitejn anniversarju tagħha kellha r-riżenja tal-Kummissarju wara fost l-iqsar perjodu ta' Kummissarju f'mitejn sena.

**<u>Two wrongs don't make a right</u>**

- Qed naraw ukoll argument li juża l-ħin kollu l-Gvern li qabel kien hemm xi gvern li għamel bħalu. “U intom mhux hekk kontu taghmlu!” jew “Ghax ma tarawx x’ghamiltu intom!” – dan x’argument hu?!
- Mela jekk xi haga kont tikkritaha mill-Oppozizzjoni u tghid li hi hazina, issa li qieghed fil-Gvern taghmel bhalha jew aghar minnha u tippretendi li qisu xejn mhu xejn?
- Jekk gejt elett bil-weghda li dawn l-izbalji li saru ma jibqghux isiru, kif tigi issa taghmel bhalhom u aghar minnhom u tghid “ghax ma tarawx x’ghamiltu intom?”
- Ejja ngħidu li qabel ikun sar żball, ejja ngħidu li l-aħħar gvern li kellna tilef minħabba dawk l-iżbalji u tilef anke b'maġġoranza kbira ħafna għal dawk l-iżbalji, - allura two wrongs make a right?
- Allura dak li kien ħażin ilbieraħ sar tajjeb illum?
- Anki din mhix kontroversja normali, dan mod kif nimminaw dak li hu sew.
- Għax is-sew sewwa dejjem u l-ħażin ħażin dejjem.

**<u>It-tneħħija tal-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali</u>**

- Issa din il-Gimgha nghatajna avviz li se tinbidel il-ligi tal-Kunsilli Lokali bla ebda dettalji jew informazzjoni. Imma hemm kull indikazzjoni li b’din il-ligi il-Gvern se jaqbad u jhassar, jikkancella, inehhi, l-elezzjonijiet kollha tal-Kunsilli Lokali sa hames snin ohra.

- Issa kull meta ntmesset xi ħaġa li għandha x'taqsam ma' elezzjonijiet s’issa dejjem sar bil-kunsens sħiħ tal-Oppożizzjoni.
- Il-Prim Ministru fl-aħħar ta' Mejju għamel diskors tal-Ħadd filgħodu u qal li se jneħħi l-elezzjonijiet tal-Kunsilli. Qali li se jnehhihom ghax hela ta' flus. Id-demokrazija mhix hela ta' flus!
- Issa għandna informazzjoni ċara li dan fil-fatt se jsir.
- Dan hu ħażin għad-demokrazija u għall-aktar regoli bażiċi tad-demokrazija.
- Il-Gvern, anke b'maġġoranza kbira fil-parlament u fil-pajjiż, ma jistax jilgħab mal-elezzjonijiet qisu mhu xejn.
- L-ispirtu tad-demokrazija jrid li jkun hemm konsultazzjoni regolari tal-elettorat u li min tela' għal 4 snin ma jaqbadx u jtawwal it-term għal 7 snin.
- Jerġa', konna għamilna pass li ż-żgħażagħ jivvutaw ta' 16, dawk li kien imisshom issa se jivvutaw ta' 21.
- Din mhix kontroversja normali, din hija d-demokrazija lokali – l-ghazla tieghek li tohrog taghzel in-nies li se jmexxu l-lokalita tieghek, li tohrog tbiddel lil min ma thossx li jixraqlu l-fiducja tieghek, li titkellem bil-vot tieghek. U l-Gvern se jnehhilek dan id-dritt u se jhalli Kunsilli Lokali – b’maggoranza Laburista – ghal sitta, seba, tmienja, disa’ snin – qisu dittorjat f’Afrika fejn l-elezzjonijiet jigu pospostu skont l-esigenzi tal-Gvern.

**<u>Konkluzjoni</u>**

- Dawn huma passi li ġraw f'dawn il-ġranet u li jinkwetawna.
- Mhumiex kontroversji normali.
- U għalhekk: jien qed naghmel appell lill-Gvern għar-rispett ta' dak li hu bażiku f'demokrazija moderna u biex id-dibattitu politiku jkun ċivili u serju.
- Qed naghmel ukoll appell lill-poplu Malti u Ghawdxi: biex jizen dak li ghidt jien oggettivament u juza r-raguni. L-interess taghna huwa li d-demokrazija taghna nsahhuha. U mar-raguni ma tridx forza.